# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   20**

**Avviz  numru   1659/99/SM**

**Michele Peresso Limited**

**vs**

**Raymond Aquilina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallasha s-somma ta' mitejn u wiehed u disghin lira u tlieta u erbghin centezmu (LM291.43,0) prezz ta' merci konsistenti f' "key chains" u "world cup novelties" lilu mibjugha u kkonsenjati;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-22 ta' Lulju 1999 u bl-imghax legali mill-1 ta' Lulju 1998. Illi l-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-merkanzija li ghaliha l-attur qieghed jallega li huwa dovut l-ammont imsemmi fl-avviz, giet ikkonsenjata lill-konvenut *on consignment*;**

2. **Illi in vista tas-suespost, il-mekanzija li ghaliha l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas, ghandha tinkludi biss dik il-merkanzija li fil-fatt inbieghet mill-istess konvenut;**

3. **Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;**

1. **Illi s-socjeta' attrici kkonsenjat merkanzija lill-konvenut ta' valur ta' mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (LM291.43,0);**

2. **Illi s-socjeta' attrici ssostni li wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuq il-konvenut kienet li**

**kellu jhallas din il-konsenja fi zmien tletin (30) gurnata;**

**3. Illi l-konvenut ghadu fil-pussess tal-merkanzija lilhu kkonsenjata izda ghalkemm interpellat anke bl- "invoices", baqa' ma hallasx lis-socjeta' attrici;**

**4. Illi ghalhekk, ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenut irceva l-konsenja meritu ta' din il-procedura, zamm l-istess fil-pussess tieghu u naqas li jhallas il-prezz minnhu dovut lis-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Raymond Aquilina biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (LM291.43,0), bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**